RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa B'Urġenza F27**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**It-Tnejn 30 ta' Mejju 2011 fis-7.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Doris Coleiro | Vici Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Robert Micallef | Kunsillier |

**1.00 Għażla tat-Tender CAP/2011/RLC001 - Sejħa għal Servizzi Professjonali għall-proġett ta' kampanja edukattiva fuq agrikola ekoloġika integrali - Miżura ta' Informazzjoni: il-Politika Agrikola Komuni Ewropea; Proġett: It-tfassil ta' ġejjieni reżiljenti.**

1.01 Is-Sindku ghamel referenza ghall-minuti tal-Kumitat ta' l-Offerti, liema minuti jinsab hawn annessi. Peress li din kienet l-unika offerta li giet sottomessa, huwa ppropona li l-Kunsill ghandu joqghod fuq id-decizjoni tal-bord u ghaldaqstant din l-offerta ghandha tintghazel. Il-Kunsillier Frans Chircop issekonda din il-proposta.

1.02 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jigi stabbilit kalendarju ta' attivitajiet, halli l-Kunsilliera kollha jkunu nfurmati b'dak kollu li jkun qed jigri.

1.03 Is-Sindku qal li l-ewwel haga li ser issir hija konferenza stampa, sabiex jigi varat dan il-progett. Ser jigi pprezentat ukoll il-kalendarju ta' attivitajiet. Huwa sahaq li l-Kunsilliera ser jinzammu nfurmati bl-anadament tax-xoghol kollu li jkun ghaddej.

**2.00 Għażla tat-Tender CAP/2011/RLC002 għal Project Manager - Miżura ta' Informazzjoni: il-Politika Agrikola Komuni Ewropea; Proġett: It-tfassil ta' ġejjieni reżiljenti**

2.01 Is-Sindku rega ghamel referenza ghall-minuti tal-Kumitat ta' l-Offerti, liema minuti jinsabu hawn annessi. Peress li ghal din l-offerta wkoll kien hemm sottomissjoni wahda, huwa ppropona li l-Kunsill ghandu joqghod fuq id-decizjoni tal-bord u

ghaldaqstant din l-offerta ghandha tintghazel. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**

RABAT

**MINUTI TAL-KUMITAT TA' L-OFFERTI LI SARET NHAR IL-GIMGHA 27 TA' MEJJU 2011 FIS-2.15 P.M. GEWWA L-UFFICCJI AMMINISTRATTIVI TAL-KUNSILL**

**PREZENTI:** Is-Sindku A. Craus
Il-Kunsillier P. P. Azzopardi
Il-Kunsillier A. Borg
Il-Kunsillier Robert Micallef
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv R. Ciantar

**SKUZATA:** Il-Vici Sindku D. Coleiro

---

1. **L-ghazla tat-Tender CAP/2011/RLC001 -** Sejħa għal Servizzi Professjonali għall-proġett ta' kampanja edukattiva fuq agrikola ekoloġika integrali - Miżura ta' Informazzjoni: il-Politika Agrikola Komuni Ewropea; Proġett: It-tfassil ta' ġejjieni reżiljenti.

Intefghat offerta wahda, hekk kif gej:

| | Isem | Indirizz | Ammont | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Kuluri c/o Reuben Spiteri & Daniel Borg | 96, St. Lucy Street, Naxxar | €60,850 | Inc VAT |

Peress li din hija l-unika offerta li ntefghat u peress li l-ammont ma jaqbizx il-massimu tal-budget allokat li jammonta ghal €85,000, il-Kumitat qabel li din l-offerta ghandha tintghazel.

2. **L-ghazla tal-Tender CAP/2011/RLC002 -** għal Project Manager - Miżura ta' Informazzjoni: il-Politika Agrikola Komuni Ewropea; Proġett: It-tfassil ta' ġejjieni reżiljenti

Intefghat offerta wahda, hekk kif gej:

| | Isem | Indirizz | Ammont | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Peppi Gauci | 3, St. Francis Mansions, St. Francis Street, Balzan | €10,000 | Inc VAT |

Peress li din hija l-unika offerta li ntefghat u peress li l-ammont ma jaqbizx il-budget allokat li jammonta ghal €10,000; il-Kumitat qabel li din l-offerta ghandha tintghazel.

Il-laqgha ntemmet fit-3.15 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**



8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt